**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 127/2013 AF**

**Montaldo Insurance Agency Limited (C-1052) a nom u in rappresentanza tas-socjetà estera AIG Europe Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Conrad Galea u l-istess Conrad Galea**

**vs**

**Benjamin Cilia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fit-22 ta' Frar 2012, il-vettura bl-isem ta' registrazzjoni "TAL GIZA" assigurata mas-socjetà rikorrenti Montaldo Insurance Agency Limited a nom u in rappresentanza tas-socjetà estera AIG Europe Limited, proprjetà ta' Conrad Galea, kienet involuta f'incident tat-traffiku mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBF 943 misjuqa mill-intimat Benjamin Cilia.

L-incident sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza u inottemperanza mar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat Benjamin Cilia u dan kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Per konsegwenza ta' tali incident ir-rikorrenti soffrew danni ammontanti ghal erbatax-il elf Ewro (€14,000).

Debitament interpellat sabiex ihallas lill-esponenti s-somma surreferita l-intimat baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat Benjamin Cilia jahti ghall-incident surreferit datat 22 ta' Frar 2012 bejn il-vettura bl-isem ta' registrazzjoni "TAL GIZA" u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBF 943.

2. Tiddikjara li, bhala konsegwenza tal-incident surreferit, l-esponenti soffrew danni ammontanti ghas-somma ta' erbatax-il elf Ewro (€14,000) jew somma ohra verjuri likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti jekk hemm bzonn bil-ghajnuna ta' perit jew periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma surreferita.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Benjamin Cilia li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok ir-responsabbilità ghall-incident li sehh fit-22 ta' Frar 2012 bejn il-vettura bl-isem ta' registrazzjoni "TAL GIZA" u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBF 943 misjuqa mill-esponenti mhijiex kontestata.

L-esponenti, tramite anke s-socjetà assikuratrici tieghu Middlesea Insurance plc, mill-bidu accetta r-responsabbilità ghall-akkadut.

Però d-danni reklamati mis-socjetà assikuratrici rikorrenti huma eccessivi u qed jigu kontestati.

Is-socjetà assikuratrici rikorrenti esagerat fil-pretensjonijiet taghha u dana peress li talbet hlas in linea ta' danni fl-ammont ta' €14,000 kif qed titlob fil-proceduri odjerni, izda mill-kalkoli li ghamel l-esponenti, kien hemm biss €10,000 li kienu gustifikati u fil-fatt l-esponenti tramite l-assikurazzjoni tieghu offra hlas tas-somma ta' €11,000 li izda ma gietx accettata.

Din is-somma qed tigi depozitata taht l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti permezz ta' cedola li qed tigi prezentata kontestwalment [Dok. A].

Fic-cirkostanzi s-socjetà assikuratrici rikorrenti ghandha hi tbati l-ispejjez tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokument anness.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar it-22 ta' Frar 2012, f'liema inċident kienu involuti l-vetturi bir-reġistrazzjoni "TAL GIZA" misjuqa mill-attur u li kienet assigurata mas-soċjetà attriċi u dik b'reġistrazzjoni GBF 943 misjuqa mill-konvenut. Konsegwentement huma talbu lill-Qorti tikkundanna lill-

konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' €14,000 in linea ta' danni.

Jirriżulta li f'dan il-każ il-konvenut qiegħed jaċċetta r-responsabbiltà għall-inċident in kwistjoni iżda l-partijiet m'humiex jaqblu dwar il-valur tal-vettura bir-reġistrazzjoni "TAL GIZA" misjuqa mill-attur u li kienet assigurata mas-soċjetà attriċi. Dan għaliex filwaqt illi s-soċjetà attriċi ssostni li l-vettura kienet tiswa €14,000 fid-data tal-inċident, l-assiguratriċi tal-konvenut u cioè Middlesea Insurance plc hija disposta li tħallas biss l-ammont ta' €11,000 peress illi ssostni li l-valur reali tal-vettura ma kienx jeċċedi dan l-ammont.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi Conrad Galea huwa sid il-vettura bir-reġistrazzjoni "TAL GIZA". Din il-vettura hija tal-għamla Cadillac Seville u nxtrat ġdida minn Malta fis-sena 2000. Conrad Galea kien ir-raba' sid ta' din il-vettura li kienet ilha għandu biss ftit xhur qabel seħħ l-inċident *de quo*. Meta l-attur xtara l-vettura fl-aħħar tas-sena 2011 u ġie sabiex joħroġ polza ta' assigurazzjoni mas-soċjetà attriċi, din tal-aħħar baghtitu għand is-surveyor Oliver Busuttil li huwa wkoll *tied intermediary* tas-soċjetà attriċi sabiex issir valutazzjoni tal-vettura. Busuttil ivvaluta din il-vettura fl-ammont ta' €17,000 f'Diċembru tal-2011 u għaldaqstant, il-vettura ġiet assigurata mas-soċjetà attriċi taħt polza ta' assigurazzjoni *fully comprehensive* għall-valur assigurabbli ta' €17,000. Wara li seħħ l-inċident, is-soċjetà attriċi baghtet is-surveyor tagħha John Callus sabiex jagħmel stima tal-ħsara. Callus wasal għall-konklużjoni li l-vettura kellha tiġi *written off* minħabba li nstab illi kienet *beyond economical repair* u huwa vvalutaha fl-ammont ta' €14,000 qabel seħħ l-inċident. Minħabba din id-diskrepanza fil-valuri li ngħataw lill-istess vettura fi spazju ta' ftit xhur biss, is-soċjetà attriċi ħallset lill-assigurat tagħha Conrad Galea l-ammont ta' €15,000 b'dan illi Conrad Galea żamm ukoll ir-*wreck* tal-vettura.

L-assiguratriċi Middlesea Insurance plc ukoll sa mill-bidu nett aċċettat illi l-assigurat tagħha u cioè l-konvenut kien responsabbli għall-inċident. Għaldaqstant, fil-ġranet wara li seħħ l-inċident ġiet skambjata korrispondenza bejn iż-żewġ soċjetajiet assikuraturi bl-għan illi jintlaħaq ftehim dwar il-valur

tal-vettura bir-reġistrazzjoni "TAL GIZA", iżda ż-żewġ soċjetajiet ma waslux għal ftehim. Middlesea Insurance plc hija disposta li tħallas lis-soċjeta attriċi l-ammont ta' €11,000 biss, u fil-fatt din is-somma ġiet depożitata mill-konvenut fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Marzu 2013, filwaqt illi s-soċjetà attriċi tinsisti li l-valur reali tal-vettura qabel l-inċident kien ta' €14,000.

Fil-mori tal-proċeduri xehdu rappreżentanti tas-soċjetà attriċi, is-surveyors inkarigati minnha u mill-attur, l-attur innifsu kif ukoll rappreżentanti tas-soċjetà Middlesea Insurance plc u s-surveyor inkarigat minnha. Jidher illi n-nuqqas ta' qbil huwa minħabba l-fatt illi l-vettura in kwistjoni m'hijiex waħda komuni fuq is-suq u fil-fatt jidher li hemm qbil bejn il-partijiet illi din il-vettura kienet unika f'pajjiżna.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li ma tikkunsidrax ix-xhieda tal-attur bħala waħda affidabbli. L-attur preżenta irċevuta datata 22 ta' Ġunju 2015 u cioè lejlet li xehed fl-udjenza tat-23 ta' Ġunju 2015. Fuq din l-irċevuta s-sid preċedenti tal-vettura, ċertu Licia M. Vella, iddikjarat illi hija kienet irċeviet is-somma ta' €16,500 mingħand l-attur, rappreżentanti l-prezz tal-bejgħ vettura in kwistjoni fis-27 ta' Diċembru 2011. L-attur jgħid illi huwa tilef l-irċevuta oriġinali u għalhekk talab lis-sid preċedenti tgħamillu irċevuta oħra. Il-Qort ma tqisx illi dan id-dokument huwa l-aħjar prova li seta' jressaq l-attur. B'żieda mal-fatt illi l-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen li l-attur tilef irċevuta li tirrigwarda x-xiri ta' vettura, l-attur seta' faċilment iressaq lil Licia Vella sabiex tixhed bil-ġurament dwar il-prezz li hija tħallset għall-vettura, iżda għar-raġunijiet tiegħu, l-attur għażel li minflok jistrieh fuq dokument li lanqas huwa ġuramentat. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq dokument li mhux konfermat minn min irrediġih, li għandu jkun ukoll passibili għall-kontro eżami (Anthony Chircop et noe vs John Zammit noe, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Novembru 2002).

B'żieda ma dan, il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen ukoll illi l-attur lanqas għandu riċevuta waħda jew ma seta' jressaq l-ebda prova tal-ispejjeż li huwa jgħid illi għamel fuq il-vettura qabel l-inċident, u dan meta jirriżulta li l-inċident seħħ inqas minn xahrejn wara li l-attur xtara l-vettura. Il-Qorti hija

mħassba wkoll dwar il-mod kif xehed l-attur in kontro eżami u cioè li ma jiftakarx la kemm kienet għamlet kilometri l-vettura jew kemm kellha sidien qabel akkwistaha hu u lanqas kemm tħallas mingħand l-assiguratriċi tiegħu wara l-inċident *de quo*. Dan kollu jsir aktar rilevanti meta wiehed izomm f'mohhu li din kienet vettura unika f'Malta.

L-ebda parti f'din il-kawża ma għamlet talba lill-Qorti sabiex jiġu nominati minnha esperti sabiex jirrelataw dwar il-valur ta' din il-vettura u għaldaqstant, il-Qorti hija kostretta li tistrieh fuq l-ispjegazzjoni mogħtija mis-surveyors ex parte dwar kif waslu għall-valuri rispettivi tagħhom.

Il-Qorti kkunsidrat illi s-surveyor John Callus, inkarigat mis-soċjetà attriċi, qajla jista' jingħad li spjega kif wasal għall-valur ta' €14,000. Filwaqt illi jsostni li l-vettura kienet waħda unika hawn Malta u għaldaqstant, ma jistax isir sempliċi paragun ma vetturi oħra fis-suq lokali, huwa jgħid illi ma għamilx paragun ma vetturi tal-istess għamla u kundizzjoni li jinsabu għall-bejgħ barra minn Malta. Dan is-surveyor jikkonferma li qatt ma kien għamel stima fuq vetturi tal-għamla *Cadillac* qabel ma għamel il-valutazzjon tal-vettura in kwistjoni. Callus iżid illi din il-vettura ma tistax titqabbel ma vetturi li jkunu importati minn barra minn Malta għaliex dawn tal-aħħar ikollhom ħsarat minn taħt kif ukoll sadid. Bir-rispett dovut, dan l-argument m'għandu l-ebda bażi fattwali. B'żieda ma dan, il-Qorti ssibha diffiċli li taċċetta dan l-argument meta wieħed jikkunsidra li l-vettura in kwistjoni kienet ilha fit-triq tnax-il sena, f'liema perjodu għamlet 'l fuq minn mitt elf kilometru u kellha tlett sidien preċedenti qabel ma xtraha l-attur. Rinfaccjata b'dawn id-dubji kollha dwar il-konklużjonijiet tas-surveyor inkarigat mis-soċjetà attriċi, il-Qorti ssibha diffiċli sabiex taċċetta l-valutazzjoni tal-istess surveyor.

Da parti tiegħu, is-surveyor James Mercieca, inkarigat minn Middlesea Insurance plc, jispjega li huwa wasal għall-valur ta' €10,000, u dan wara li fittex kemm qegħdin jinbiegħu l-Ingilterra vetturi tal-istess għamla u kundizzjoni tal-vettura *de quo*. Huwa sab l-aktar vettura għolja li kienet għall-bejgħ u mal-prezz mitlub żied il-prezz ta' reġistrazzjoni tal-vettura hawn Malta, l-ispiża sabiex tiġi impurtata minn barra kif ukoll

żieda ta' 20% fuq il-prezz globali sabiex tagħmel tajjeb għall-fatt illi din il-vettura kienet ser tkun impurtata minn barra minn Malta. Sabiex jippruvaw jaslu għall-ftehim bonarju, l-assiguratriċi tal-konvenut anke aċċettat li tħallas €1000 oħra fuq il-prezz li stabbilixxa s-surveyor, jiġifieri total ta' €11,000, iżda s-soċjetà attriċi baqgħet ma aċċettatx. Kif diġà ngħad jirriżulta li llum din is-somma hija depożitata fir-Reġistru ta' din il-Qorti.

Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Maria Xuereb et vs Clement Gauci et tal-24 ta' Marzu 2004:

> *"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*
>
> 1. *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
>
> 2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*
>
> *Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*
>
> *Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).'*

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Attard vs Joseph Xerri tat-12 ta' Lulju 2007, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet ukoll hekk:

> *"Tajjeb li jigi mfakkar illi l-kwalifikazzjoni tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' "oneru" iggib maghha bhala konsegwenza illi l-inadempiment jew il-falliment taghha titraduci ruhha fi zvantagg ghal min hu hekk gravat b' dan il-piz. Dan ghal raguni illi l-fatt favorevoli minnu allegat jithalla fi stat ta' incertezza u tali qaghda tissarraf f' dannu ghalih."*

Is-soċjetà attriċi naqset milli tressaq prova soda u rassikuranti dwar kif is-surveyor tagħha wasal għal valur ta' €14,000 u dan speċjalment meta mqabbel mal-ezercizzju li għamel is-surveyor inkarigat mill-assiguratriċi Middlesea Insurance plc sabiex wasal għal valutazzjoni tiegħu.

Fin-nuqqas ta' prova teknika indipendenti, il-Qorti m'hijiex konvinta li l-valutazzjoni tas-surveyor inkarigat mis-soċjetà attriċi hija realistika u bbażata fuq il-prezz li veru ġġib il-vettura in kwistjoni fuq is-suq miftuħ. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa każ illi tal-inqas għandha tappika l-massima li *actore non probante reus absolvitur*.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba attriċi stante l-ammissjoni tal-konvenut u tilqa' t-tieni u tielet talbiet attriċi billi tiddikjara li bħala konsegwenza tal-inċident tat-22 ta' Frar 2012, is-soċjetà attriċi soffriet danni ammontanti għal ħdax-il elf Ewro (€11,000) u tikundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' ħdax-il elf Ewro (€11,000).

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u cioè li l-konvenut u l-assiguratriċi tiegħu kienu sa minn qabel ma ġew inizjati dawn il-proċeduri disposti li jħallsu din is-somma lill-atturi, spejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjeta attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG